

32002D0252

L 86/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.4.2002

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-26 ta' Marzu 2002****li temenda d-Deċiżjoni 92/452/KEE li tistabbilixxi listi ta' gruppi li jiġbru embrijoni approvati f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijoni bovini lejn il-Komunità, dak li jikkonċerna l-Kanada**

(notifikata taħt dokument numru C(2002) 1214)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2002/252/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 li stabbilit il-kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-komunitarju fejn għandha x'taqsam l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/113/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

- (1) Is-servizzi veterinarja kompetenti tal-Kanada għamlu talba biex jizjed mal-lista, stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata minn Deċiżjoni 2002/46/KE <sup>(4)</sup>, ta' gruppi uffiċjalment approvati fit-territorji tagħhom għall-esportazzjoni ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina lejn il-Komunità.
- (2) Garanzji, dwar ir-rispett lejn il-ħtiġiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 89/556/KEE, ingħataw lill-Kummissjoni mis-servizzi veterinarja kompetenti tal-Kanada. Il-grupp ta' kollezzjoni inkwestjoni ġie approvat fil-Kanada għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.
- (3) Id-Deċiżjoni 92/452/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skond il-bżonn.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Sanià ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Fl-Anness għal-Deċiżjoni 92/452/KEE, ir-ringiela li ġeja għanda tizzied dwar il-gruppi Kanadiżi:

"CA		E 1298		Clinique vétérinaire Témiscamingue 19, rue principale Nord St-Bruno-de-Guigues Quebec JOZ 2G0	Dr Alain Gironne"
-----	--	--------	--	--	----------------------

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1989, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 53, ta' l-24.2.1994, p. 23.<sup>(3)</sup> ĠU L 250, tad-29.8.1992, p. 40.<sup>(4)</sup> ĠU L 21, ta' l-24.1.2002, p. 21.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lejn l-Istati Membri

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 2002.

*Għall-Kummissjoni*  
David BYRNE  
*Membri tal-Kummissjoni*

---